MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ALBERT J. MAGRI

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 213/2000/1

Linknet Limited, Charles Aquilina, Identity Card Numru 554058(M), Irene mart l-istess Charles Aquilina, Identity Card Numru 482361(M), Lawrence Aquilina, Identity Card Numru 452461(M) u Joyce mart l-istess Lawrence Aquilina, Identity Card numru 517759(M)

Vs

Terranet Ltd.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-4 ta' Frar, 2000 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi s-socjeta' Linknet Ltd hija socjeta' kummercjali li kienet, sa ftit zmien ilu, tipprovdi servizzi ta' komunikazzjoni ma' l-Internet; illi fit-28 ta' Awissu, 1997, Linknet Ltd iffirmat kuntratt mas-socjeta' konvenuta li topera l-Maltanet, servizz ta' access ghall-Internet, sabiex jigi provdut servizz ta'

komunikazzjoni globali ta’ l-Internet; illi s-socjeta’ konvenuta ma pprovdietx is-servizz miftiehem skond il-kuntratt fuq riferit u dana bi ksur ta’ l-obbligi kuntrattwali taghha; illi s-socjeta’ Linknet Ltd bdiet issofri telf ta’ avvjament u nuqqas ta’ reputazzjoni tajba mal-klienti taghha, tant necessarju fid-dinja kummercjali, u bdiet issofri danni ngenti minhabba li l-klienti taghha bdew jitilquha u dan apparti li kellha tirrifondi xi depoziti li kienu gja nghatawlha; illi s-socjeta’ Linknet Ltd naqset li thallas lill-istess socjeta’ konvenuta il-bilanc ghax-xhur min Novembru 1997 sa Mejju 1998 skond il-kuntratt tat-28 ta’ Awissu, 1997 u dana unikament minhabba l-ksur ta’ l-obbligi kuntrattwali ta’ l-istess socjeta’ konvenuta; illi b’intenzjoni li jaslu ghal ftehim bonarju fuq l-ammont ikkontestat, is-socjeta’ konvenuta kif ukoll is-socjeta’ Linknet Ltd kienu ltaqghu fl-ufficju tas-socjeta’ konvenuta fil-15 ta’ Ottubru, 1998 biex jintlahaq ftehim u jigi wkoll mgedded il-kuntratt ghall-“Internet Access Services” lis-socjeta’ Linknet Ltd; illi f’dik il-laqa’ Keith Ferne, rappresentant tas-socjeta’ konvenuta, kien hedded lid-diretturi presenti tas-socjeta’ Linknet Ltd li jekk ma jiffirmawx kuntratt li kien ipprepara n-Nutar Mario Caruana l-istess socjeta’ konvenuta ma kienetx sejra ggedded l-kuntratt l-iehor ta’ “Internet Access Services” li, kieku gara hekk, kien ifisser l-gheluq tan-negozju tas-socjeta’ Linknet Ltd bil-konsegwenzi kolla li dan igib mieghu; illi dan l-atteggament da parti tas-socjeta konvenuta ggieghlet lill-konvenuti Charles u Lawrence Aquilina jibzaw li hwejjighom, iktar precizament in-negozju tas-socjeta’ Linknet Ltd, jistghu jigu mqieghda ghal xejn b’xejn f’perikolu ta’ hsara kbira u kienu ffirmaw it-tigdid tal-kuntratt ta’ Internet Access Services b’din il-pressjoni u biza’. Dan il-kuntratt pero’ inzamm mis-socjeta’ konvenuta li riedet biss taghti kopja lis-socjeta’ Linknet Ltd jekk id-diretturi proprio jiffirmaw l-att pubbliku li kien ipprepara n-Nutar fuq imsemmi; illi fis-16 ta’ Ottubru 1998, l-atturi u s-socjeta’ konvenuta ltaqghu ghand in-Nutar Mario Caruana LL.D f’ufficju tieghu f’San Giljan biex jigi ppubblikat l-kuntratt; illi n-nutar imsemmi qatt ma qara jew spjega l-kontenut tal-kuntratt lill-partijiet u dan bi ksur ta’ l-obbligi tieghu taht l-Att dwar il-Professjoni Notarili u Arkivji Nutarili (Kap 55 tal-Ligijiet ta’ Malta; illi l-Artikolu 40 (g) tal-Att

imsemmi b’mod tassattiv jipprovdi li att nutarili hu null jekk “in-Nutar ma jfissir lill-partijiet dak li jkun fih l-att”; talbu li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddecidi illi l-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu mill-atturi favur is-socjeta’ konvenuta li sar fis-16 ta’ Ottubru 1998 in atti Nutar Mario Caruana huwa null u bla effett ai termini ta’ l-artikolu 40(g) ta’ l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili;
2. alternattivament, in addizzjoni u bla pregudizzju, tiddikjara u tiddecidi illi l-imsemmi kuntratt huwa null u bla effett anke ai termini ta’ l-Artikoli 977 u 978 tal-Kodici Civili;
3. tordna bhal konsegwenza ta’ l-akkoljiment ta’ kwalunkwe wahda mill-ewwel zewg talbiet, it-thassir, ir-rexissjoni u annulament tal-imsemmi kuntratt;
4. tordna kull provediment iehor li din il-Qorti tikkunsidra bhala xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta’ konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mil-atturi.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta tas-7 ta’ Marzu, 2000 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi l-allegazzjoni illi l-kuntratt pubblikat fis-16 ta’ Ottubru, 1998 fl-atti tan-Nutar Mario Caruana ma gie moqri jew spjegat hija ghal kollox infondata u ghalhekk l-ewwel talba ta’ l-atturi ghandha tigi michuda bl-ispejjes bl-ispejjes kontra taghha (sic).
2. Illi l-allegazzjoni li giet uzata vjolenza fuq l-atturi sabiex jigi ffirmat l-istess kuntratt hija ukoll kompletament infondata u ghalhekk it-tieni talba tal-atturi wkoll ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra taghhom.
3. Illi minghajr pregudizzju, wara l-pubblikazzjoni ta’ l-imsemmi kuntratt, l-atturi diversi drabi ammettew li ghandhom ihallsu l-ammont in kwistjoni u ghalhekk gew li rrinunzjaw ghall-allegazzjonijiet kontenuti fl-ewwel zewg talbiet.

4. Illi t-tielet u r-raba’ talba li huma konsegwenzjali ghall-ewwel zewg talbiet ukoll ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta’ konvenuta.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tas-7 ta’ April, 2000 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-27 ta’ Ottubru, 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.
Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-31 ta’ Mejju, 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittratta il-kawza.

Ikkunsidrat:

Is-socjeta’ konvenuta tagixxi bhala “*Internet Service Provider*” u bi ftehim tat-28 ta’ Awissu 1997 kienu saru arrangamenti mas-socjeta’ attrici Linknet sabiex din tinghata l-facilitajiet kollha biex tipprovdi servizz ta’ Internet lill-klienti taghha. Dan il-ftehim kien jikkontempla l-obbligu tas-socjeta’ attrici li taghmel pagament lis-socjeta’ konvenuta ghal darba wahda fl-ammont ta’ LM500 u hlas ta’ LM36,000 fis-sena pagabbli kull xahar pro rata.

Jidher li kien hemm xi disgwid bejn l-kontendenti billi filwaqt li s-socjeta’ attrici naqset milli tonora l-pagament previsti fil-kuntratt imsemmi, din kienet ukoll qed tallega li ma kellhiex tonora l-obbligi taghha nkwantu s-servizz provdut ma kienx kif mistenni. Minhabba n-nuqqas ta’ pagamenti da parti tas-socjeta’ attrici fis-27 ta’ Mejju 1998 s-socjeta konvenuta kitbet lis-socjeta’ attrici fejn, filwaqt li nvokat l-klawsola numru 6 ta’ ftehim tat-28 ta’ Awissu 1997, infurmatha “*we do not intend to renew the said agreement automatically for another year under the terms and conditions of the agreement.*” (Dok KF4 fol 116). Wara dan il-partijiet dahlu f’negozjati sabiex jipprovaw

jsolvu s-sitwazzjoni billi kien fl-interess tas-socjeta’ attrici li tibqa’ tinghata s-servizz, biex b’hekk ma titlifx il-klientela taghha u tibqa’ tinnegozja, mentri kien fl-interess tas-socjeta’ konvenuta li jintlahaq xi forma ta’ ftehim biex tassikura l-hlas ta’ dak li kien dovut lilha u fl-istess hin izzomm lis-socjeta’ attrici bhala klient. Jidher pero’ li l-istess socjeta’ konvenuta ma kienetx intenzjonata li iggedded l-ftehim tas-‘servizz’ jekk ma jintlahaqx ftehim dwar l-ammonti dovuti lilha u li di piu tinghata garanzija ghall-pagament ta’ dawn l-arretrati.

Jidher li finalment intlahaq ftehim bejn il-kontendenti, tant hu hekk li ftehmu li jsir inkontru fl-ufficju tas-socjeta’ konvenuta sabiex jigu iffirmati l-ftehim ghall-provista ta’ ‘*Internet connectivity*’ kif ukoll kuntratt pubbliku li mhux biss kien jirrikonoxxi d-debitu dovut mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta izda ukoll li l-istess socji ta’ din is-socjeta’ jidhlu pesonalment garanti ghad-debitu tas-socjeta’ taghhom. Dak inhar tal-laqa’ u cioe nhar il-15 ta’ Ottubru 1998 iltaqghu fl-ufficju tas-socjeta’ konvenuta l-ahwa Aquilina ghan-nom tas-socjeta’ attrici, Keith Fearne ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta, kif ukoll in-Nutar Mario Caruana, li kien irrediga l-kuntratt ta’ kostitutzzjoni ta’ debitu u garanzija, u l-avukati tal-kontendenti. Dak iz-zmien l-atturi kienu patrocinati minn Dr. Jason Azzopardi.

F’dik il-laqa’ gew diskussi sew l-ftehim tal-estensjoni ghas-servizz li kienet qed tiprovdi s-socjeta’ konvenuta, kif ukoll, u b’certa dettal, il-minuta tal-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu. Jidher li f’dik l-okkazzjoni dan il-kuntratt gie ezaminat fid-dettalji tieghu u sahansitra l-istess Dr. Jason Azzopardi spjega lill-klienti tieghu, l-atturi proprio odjerni, l-portata tal-garanzija li kienu qed jghatu lis-socjeta’ kreditrici. Dak inhar pero’ ghalkemm gie iffirmat l-ftehim tal-Internet Access Service, il-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu u garanzija personali ma giex iffirmat stante li ma attendewx in-nisa tal-atturi u billi kienet tinhtieg l-firma taghhom l-partijiet qablu li jiltaqghu l-ghada ghand in-Nutar sabiex issir il-pubblikazzjoni u l-iffirmar tal-istess kuntratt. Billi ma kienx ghadu gie ippubblikat il-kuntratt imsemmi u b’hekk is-socjeta’ konvenuta ma kienetx otteniet ebda garanzija ghall-hlas tal-ammont dovut lilha

mentri kienet iffirmat l-estensjoni ghall-Internet Access Service, ir-rappresentant tas-socjeta' konvenuta kien inghata parir mil-konsulent legali tieghu sabiex ma jghatix kopja tal-ftehim iffirmat qabel ma jigi iffirmat l-kuntratt. Effetivament hekk gara l-ghada fl-ufficju tan-Nutar meta giet irrangata d-data ta' dan il-ftehim u kopja inghatat lill-atturi.

Sa hawn ma jidhirx li kien hemm problemi bejn il-partijiet izda ghalkemm is-socjeta' attrici reget bdiet u baqghet, ghal diversi xhur, tibbenefika mis-serviz ghall-'Internet Access' skond il-ftehim iffirmat kif fuq inghad, jidher li din ma onoratx l-obbligi taghha taht il-kuntratt ta' kostitutzzjoni ta' debitu u sahansitra l-anqas l-istess atturi fil-kapacita' taghhom personali ma ghamlu ebda pagament biex jonoraw l-garanzija li kienu taw. Jidher li l-atturi kienu fi trattativi ma terzi persuni ta' nazzjonalita libika, biex jittrasferixxu l-ishma kollha taghhom fis-socjeta' attrici u b'hekk jonoraw l-obbligi minnhom assunti vis-à-vis is-socjeta' konvenuta. Dawn it-trattativi izda ma waslux fit-tmien taghhom u ghalhekk kemm is-socjeta' attrici, kif ukoll l-ahwa Aquilina, baqghu inadempjenti.

Wara in-nuqqas tal-atturi ghaddiet certa korrispondenza bejn il-kontendenti, inkluza ittra ufficjali tal-10 ta' Awissu, 1999, indirizzata lejn soluzzjoni ghal vertenza. Fit-12 ta' Awissu, 1999 Dr. Antoine Naudi ghall-atturi kemm proprio kif ukoll nomine kiteb hekk lill-Dr. Caruana Scicluna (il-konsulent tas-socjeta' konvenuta) (Dok KF16 fol 138):
"*My clients are not denying that they owe your client the sum of LM15,030 together with accrued interest as from 1$^{st}$ December, 1998. My clients are also very grateful for the patience your client has shown to date. My clients have informed me that when the notarial deed was signed on the 16$^{th}$ October, 1998, …., your client had given mine a grace period till the end of November, 1998 to pay since my clients were about to conclude the sale of their business to a foreign third party. Unfortunately this deal fell through.*"

F'dik l-istess ittra l-atturi komplew billi ghamlu suggerimenti kif d-debitu jkun jista' jithallas b'rati ta'

LM1,300 kull tlett xhur b'effett mil-31 ta' Dicembru, 1999 fuq firxa ta' tlett snin.

L-offerta tal-atturi ma gietx accettata mis-socjeta' konvenuta li, b'ittra tas-6 ta' Settembru, 1999 (Dok KF17 fol. 140), informathom li jekk ma jsirx il-hlas fi zmien gimgha kienet sejra tipprocedi ezekuttivament. Ghal din ir-reazzjoni tas-socjeta' konvenuta l-atturi tennew li s-socjeta' Linknet Ltd ma kienetx ghadha qedha topera u li l-proposta taghhom kienet intiza sabiex jithallas id-dejn ezistenti. Intqal ukoll fl-ittra tat-8 ta' Settembru 1999 ta' Dr. Naudi lil Dr. Caruana Scicluna (Dok KF18 Fol 141) li:
"*Without prejudice to the aforesaid, my clients re-iterate that they intend and are willing to settle all amounts due to your clients together with interest accrued but can only do so over a span of time for the reasons already referred to above."*

Billi ma intlahaq ebda ftehim fil-15 ta' Novembru 1999, is-socjeta' konvenuta talbet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ghall-ammont indikat fil-kuntratt tas-16 ta' Ottubru 1998 u l-imghax akkumulat, kontra s-socjeta' Linknet Ltd bhala debitur principali u kontra l-atturi odjerni bhala garanti solidali ta' l-istess socjeta'. Kif jghid Dr. Caruana Scicluna fl-affidavit tieghu a fol 145 tal-process kien hawn li l-atturi l-ewwel darba allegaw nullita' tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u garanzija.

L-atturi qed isostnu li l-kuntratt tas-16 ta' Ottubru, 1998 ippubblikat minn Nutar Mario Caruana huwa null ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok qed jigi allegat li l-kunsens taghhom gie karbit bi vjolenza morali ezercitata mis-socjeta' konvenuta billi din, skond l-atturi, kienet qed thedded li ma tibqax tipprovdi s-servizz tal-Internet Connectivity kemm-il darba ma jigix iffirmat l-istess kuntratt. Inoltre l-atturi qed jallegaw li dak inhar li gie iffirmat l-imsemmi kuntratt dan ma inqarax minn Nutar li ppubblikah u b'hekk kien hemm nieqes element rikjest mil-ligi b'mod li l-istess kuntratt huwa ukoll difettuz u konsgwentement null.

Minn ezami akkurat tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet maghmula din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li t-talbiet f'din il-kawza ma huma xejn hlief 'messa in scena' biex l-atturi, li illum jinsabu f'diffikultajiet finanzjarji minhabba li ma sarx il-bejgh tal-ishma taghhom lill-terzi, jevitaw l-obbligi minnhom assunti kemm proprio kif ukoll nomine. Dan qed jinghad billi mill-provi akkwiziti ma jirrizulta li giet ezercitata ebda vjolenza morali da parti tas-socjeta' konvenuta sabiex tobbliga lill-atturi jiffirmaw l-kuntratt. Il-kuntratt in kwistjoni ma kien xejn hlief rikonoxximent ta' debitu tas-socjeta' attrici ghall-servizz res mis-socjeta' konvenuta. Kien ghalhekk f'drittijiet tas-socjeta' konvenuta, u mhux hekk biss, kien ukoll dmir tar-rappresentant tal-istess socjeta' kreditrici, li jaghmel minn kollox biex jassikura li l-ammont dovut jigi rikonoxxut bhala tali u billi s-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjeta' attrici kienet tirrizulta hazina (anke mil-fatt li ma kienetx qed tonora l-obbligi taghha), kien fid-dmir tal-istess rappresentant tas-socjeta' konvenuta li jottjeni garanzija ghall-hlas tad-debitu. Ghalhekk kemm-il darba Keith Fearne insista li ma jkomplix jghati servizz lis-socjeta' attrici jekk ma jigiex pubblikat l-imsemmi kuntratt dan kien fid-drittijiet tieghu u ma kien qed jaghmel xejn illegali. Wara kollox l-istess kuntratt ta' Internet Service Access kien jawtorizza lill-istess socjeta' konvenuta li ma thallix li jiggedded awtomatikament il-ftehim kemm-il darba l-parti l-ohra tonqos milli tonora l-obbligi taghha.

Din il-Qorti tosserva ukoll li l-imsemmi kuntratt lanqas biss ma gie iffirmat dakinhar l-allegata vjolenza morali giet ezercitata mis-socjeta' konvenuta, izda dan gie iffirmat l-ghadha meta l-atturi ahwa Aquilina, flimkien mal-konjugi taghhom, marru volontarjament ghal-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Jekk verament kien hemm xi vjolenza morali dawn setghu facilment ma jersqux ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt billi setghu jew ottenew l-Internet Service Access minghand socjeta' ohra jew talbu li jigi onorat l-ftehim iffirmat lejliet mas-socjeta' konvenuta dwar l-Internet Access Service u b'hekk is-socjeta' kreditrici ma jkollix l-konfort tal-kuntratt ta' kostituzzjoni u garanzija personali. Jidher pero' li dawn, cioe l-atturi Aquilina, kienu kuntenti b'dak li kien qed jigri billi filwaqt li rrikonoxxew d-debitu

versu s-socjeta' konvenuta, kienu ukoll pronti li jiggarantixxu dak id-debitu bl-assi taghhom personali.

Jinghad finalment li l-korrispondenza citata hawn fuq kif ukoll l-assjem tal-grajja li sehhet wara s-16 ta' Ottubru, 1998 ma jghatu ebda indikazzjoni ta' xi difett tal-kunsens tal-atturi fl-iffirmar tal-kuntratt. Anzi jinghad li kien ukoll fl-interess taghhom li jintlahaq ftehim billi kienu ghaddejin minn trattativi ghall-bejgh tal-ishma fis-socjeta'.

Illi dwar l-allegazzjoni l-ohra u cioe li l-kuntratt ma giex moqri u spjegat dak inhar li inqara jirrizulta li hemm xhieda konfliggenti. Din l-allegazzjoni qed issir mill-atturi u minn nisa taghhom filwaqt li Keith Fearne u l-istess Nutar Caruana jikkonfermaw b'mod assolut li l-kuntratt kien gie moqri u spjegat lill-partijiet. Il-Qorti hawn tinnota l-mod kif saru l-affidavits tal-atturi. Infatti jidher li l-affidavits ta' Joyce u Irene Aquilina ma sarux minnhom personalment f'dik il-liberta' rikjesta meta wiehed jghati x-xhieda tieghu u dana billi z-zewg affidavits huma identici. Haga li rarament tirrizulta meta zewg persuni jirrakkontaw l-istess grajja. L-istess jinghad ghall-affidavits tal-ahwa Aquilina. Dan idahhal suspett f'din il-Qorti li dawn l-affidavits ma jirrispekkjawx il-verita' izda pjuttost huma formulati bl-intenzjoni espressa li jiggustifikaw t-talbiet tal-atturi. Ghal kuntrarju x-xhieda ta' Kieth Fearne u tal-istess Nutar, anke in kontro ezami, hija deciziva u moghtija b'mod li ma thalli ebda dubbju dwar li l-asserzjoni tal-atturi ma tirrispekkjax il-verita'. Din il-Qorti ghalhekk ma taghti ebda affidament lix-xhieda tal-atturi fir-rigward.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talbiet kollha attrici bl-ispejjes kontra l-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------